KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 11.7.2011
KUMM(2011) 430 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar l-evalwazzjoni tal-funzjonament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda

{SEG(2011) 912 finali}

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar l-evalwazzjoni tal-funzjonament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda

1. INTRODUZZJONI

Sustanzi psikoattivi ġodda[1] qed isiru disponibbli fuq firxa wiesgħa f'pass bla preċedent. Skont rapport tal-2010 tal-Europol u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)[2], il-ħeffa li biha qed jidhru u l-mod kif qed jiġu distribwiti joffru sfida lill-proċeduri stabbiliti għall-monitoraġġ, ir-reazzjoni għall-użu ta' sustanzi psikoattivi ġodda u l-kontroll tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda adotatta fl-10 ta' Mejju 2005[3] ('id-Deċiżjoni tal-Kunsill') tisabbilixxi sistema mifruxa mal-UE kollha li tittratta dawn id-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi ġodda li jidħlu fis-suq Ewropew. Din tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni (sistema ta' twissija bikrija) bejn l-Istati Membri dwar dawn is-sustanzi, il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, is-sottomissjoni tagħhom għall-miżuri tal-kontroll u s-sanzjonijiet kriminali[4] madwar l-UE.

Il-valutazzjoni preżenti hija segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra d-Droga 2009-2012,[5] li jitlob lill-Kummissjoni *'tivvaluta l-iffunzjonar'* ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill *'u temendaja, jekk ikun xieraq'*. Il-Kummissjoni għamlet dan bl-għajnuna tal-EMCDDA, il-Kumitat Xjentifiku tagħha u l-EUROPOL. L-Istati Membri taw kontribut permezz ta' stħarriġ ('l-Istħarriġ')[6].

---

1 Skont id-definizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (Artikolu 3), 'sustanza psikoattiva ġdida' tfisser droga narkotika ġdida jew droga psikotropika ġdida f'forma pura jew fi preparazzjoni; 'droga narkotika ġdida' tfisser sustanza, f'forma pura jew fi preparazzjoni, li ma ġietx skedata taħt il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, u tista' toħloq theddida għas-saħħa pubblika paragunabbli mas-sustanzi elenkati fl-Iskedi I, II jew IV; 'droga psikotropika ġdida' tfisser sustanza f'forma pura jew fi preparazzjoni li ma ġietx skedata taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, u tista' toħloq theddida għas-saħħa pubblika paragunabbli mas-sustanzi elenkati fl-Iskedi I, II, III jew IV.

2 Rapport Annwali tal-2010 tal-EMCDDA-Europol dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI, p.15.

3 ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32-37.

4 L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji bħala riżultat tal-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 u l-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drogi Narkotiċi tal-1961 (l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill). Dawn l-obbligi huma speċifikati taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1988 kontra l-ittraffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi: 'Kull Parti għandha tadotta l-miżuri neċessarji biex tagħmel bħala reat kriminali skont id-dritt intern tagħha, meta l-att jitwettaq intenzjonalment' il-produzzjoni, manifattura, distribuzzjoni, bejgħ, kunsinna, trasport, importazzjoni jew esportazzjoni, il-pussess jew bejgħ ta' kwalunkwe droga narkotika jew kwalunkwe sustanza psikotropika.

5 ĠU C 326, 20.12.2008, p. 7–25. Azzjoni 69.

6 Ara l-Anness (taqsima 7) għal rapport fil-qosor tas-sejbiet tal-istħarriġ.

L-evalwazzjoni tenfasizza l-fatt li s-suq għal sustanzi psikoattivi ġodda nbidel drammatikament fl-aħħar tliet snin: kien hemm żieda sinifikanti fin-numru ta' sustanzi li nqabdu, il-varjetà tagħhom u d-diversifikazzjoni tal-kanali tad-distribuzzjoni tagħhom. Hija tikkonkludi li d-Deċiżjoni tal-Kunsill mhijiex strument adegwat sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi l-ġodda. Għaldaqstant il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom għal dibatittu dwar modi kif il-leġiżlazzjoni tal-UE tista' tiġi msaħħa. Dan għandu l-għan li possibilment ikun hemm proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni fl-2012.

2. SUSTANZI PSIKOATTIVI ĠODDA FL-UE: EVOLUZZJONI U SFIDI

Fl-aħħar ħames snin, l-Istati Membri nnotifikaw 115-il sustanza psikoattiva[7] permezz tal-mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni[8] stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Filwaqt li fil-perjodu 2005-2008 in-numru ta' sustanzi ġodda notifikati kien stabbli għal 10-15 fis-sena, mill-2009 kien hemm żieda kbira fin-numru ta' notifiki.

Ħafna sustanzi psikoattivi ġodda huma fil-fatt varjazzjonijiet fi ħdan grupp speċifiku ta' kimiki u huma simili għal sustanzi kkontrollati fuq livell nazzjonali. Uħud huma prodotti li fihom kompożizzjonijiet erbali u sintetiċi li jidhru f'diversi taħlitiet fi Stati Membri differenti. Eżempju wieħed huwa Spice, taħlita li fiha l-ħwawar u l-kannabinojdi sintetiċi li jikkupjaw l-effetti tal-kannabis[9]. Dawn huma diffiċli sabiex jiġu identifikati u rregolati minħabba d-diversità tagħhom u l-ħeffa li biha qed jiġu żviluppati sabiex jissostitwixxu dawk li huma kkontrollati.

Ħafna minn dawn is-sustanzi huma manifatturati f'laboratorji kummerċjali, probabbilment fl-Asja[10], u ta' sikwit ikunu orħos minn drogi illeċiti. Minkejja l-istatus tagħhom bħala sustanzi illeċiti ('legal highs')[11] — li jagħmlu lill-utenti jemmnu li huma sikuri — jistgħu jippreżentaw theddida għas-saħħa pubblika paragunabbli mad-drogi illeċiti elenkati fl-hekk imsejħa skedi għall-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drogi Narkotiċi u dwar Sustanzi Psikotropiċi. Ta'sikwit, il-kompożizzjonijiet kostitwenti tagħhom u l-effetti li jħallu ma jkunux ċari. Għaldaqstant, jistgħu jkunu tossiċi, iwasslu għal vizzji u jkollhom effetti avversi fuq tul ta' żmien. Għal min jużahom, is-sorsi ewlenin tal-informazzjoni dwar l-effetti u r-riskji potenzjali tagħhom huma websajts u messaġġi ppubblikati fuq l-internet minn komunitajiet ta' utenti tad-drogi. Dawn huma kummerċjalizzati u mibjugħa primarjament minn ħwienet speċjalizzati, traffikanti ta' drogi illeċiti u minn fuq l-internet.

---

7 Ara l-Anness (taqsimiet 4 u 7) għad-disaggregazzjoni tas-sustanzi, tipi u xejriet notifikati.

8 Is-Sistema tat-Twissija Bikrija tal-EMCDDA/ Europol, li l-Istati Membri kollha jipparteċipaw fiha.

9 Spice dehret l-ewwel darba fl-Ewropa fl-2006 u kisbet popolarità fl-2008. L-ebda mill-kompożizzjonijiet ta' Spice ma ġew żviluppati bħala droga fihom infushom; www.emcdda.europa.eu/publications/thematic-papers/spice

10 B'mod partikolari fiċ-Ċina u l-Indja.

11 'Legal highs' huwa terminu ġeneriku li jiġbor kompożizzjonijiet psikoattivi mhux regolati internazzjonalment jew prodotti li fihom dawn is-sustanzi, speċifikament maħsuba biex jikkupjaw l-effetti ta' drogi magħrufa (stabbiliti), ta' spiss bl-għan li jinqabżu l-kontrolli ta' drogi eżistenti. It-terminu jinkludi firxa wiesgħa ta' sustanzi u prodotti sintetiċi u derivati mill-pjanti, inklużi 'kimiki tar-riċerka', 'pilloli tal-partis', 'herbal highs', eċċ., li huma normalment mibjugħa minn fuq l-internet jew fi smart/head shops, li jiġu rreklamati bi strateġiċi ta' kummerċjalizzazzjoni aggressivi u sofistikati, u f'xi każijiet jingħataw tikkettar frodulenti b'mod intenzjonali b'ingredjenti li huma differenti mill-kompożizzjoni attwali. Is-suq tal-'legal highs' huwa distint bil-ħeffa li biha l-forniturі jevitaw il-kontrolli tad-droga billi joffru alternattivi ġodda għal prodotti ristretti.

Għal ħafna snin, ħwienet speċjalizzati li jbigħu sustanzi psikoattivi ġodda kienu jeżistu biss fi ftit Stati Membri. Fis-sentejn li għaddew, madankollu, ħwienet bħal dawn fetħu b'pass imgħaġġel f'diversi pajjiżi, inklużi l-Polonja, l-Irlanda u r-Rumanija. M'hemm l-ebda approċċ komuni madwar l-UE għar-regolazzjoni tal-ħwienet speċjalizzati. Madankollu, deċiżjonijiet nazzjonali dwar dawn il-ħwienet jista' jkollhom effetti sekondarji fuq il-politiki tal-Istati Membri l-oħra.[12]

L-istħarriġ ġenerali tal-2010 tal-EMCDDA[13] identifika 136 ħanut onlajn li jbigħu sustanzi psikoattivi ġodda. Bosta minn dawn il-ħwienet kienu bbażati fil-Pajjiżi l-Baxxi, fir-Renju Unit u l-Ġermanja, iżda mill-inqas ħamsa nstabu fil-Polonja, Franza u l-Ungerija.

L-Istati Membri ġew affettwati minn sustanzi psikoattivi ġodda f'modi differenti. Dawn użaw liġijiet differenti sabiex jikkontrollaw jew jirregolaw il-manifattura, il-bejgħ u l-pussess ta' sustanzi psikoattivi ġodda, b'mod partikolari leġiżlazzjoni għall-kontroll tad-drogi u tal-mediċini. Jistgħu użaw leġiżlazzjoni bbażata fuq diversi direttivi u regolamenti[14] li jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel[15], il-ħarsien tal-konsumatur, sustanzi u prodotti perikolużi fuq livell tal-UE[16]. Madankollu, ċertu sustanzi psikoattivi ġodda jinbiegħu – pereżempju - bit-tikketta *'mhux għall-konsum mill-bniedem'*, sabiex tiġi evitata l-leġiżlazzjoni dwar id-drogi[17].

3. GĦANIJIET U AMBITU TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2005 ġiet adotatta fuq il-bażi tal-ex-Artikoli 29, 31(1)(e) u 34(2)(c)[18] tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-tielet pilastru). Ir-raġunament tagħha kien li jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw l-emerġenza ta' sustanzi psikoattivi effettivament billi jissottomettuhom għal miżuri ta' kontroll mifruxa madwar l-UE.

Hemm sitt stadji fil-proċedura stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill għas-sottomissjoni ta' sustanza psikoattiva ġdida għal miżuri ta' kontroll: 1) l-Istat Membru jipprovdi informazzjoni dwar sustanza ġdida fis-suq tiegħu; 2) il-Europol u l-EMCDDA, f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), jħejju Rapport Konġunt u jissottomettuh lill-

---

12 Pereżempju, l-interventi riċenti mill-awtoritajiet Pollakki ta' aktar minn 1,300 head shop fil-pajjiż irriżulta li n-negozjanti fetħu ħwienet simili fil-pajjiż ġar tar-Repubblika Ċeka.

13 EMCDDA, Rapport Annwali 2010 dwar l-Istat tal-Problema tad-Droga fl-Ewropa; p. 92-93.

14 Ara l-Anness (taqsima 5) għal ħarsa ġenerali dwar dawn l-istrumenti tal-UE.

15 Ċertu sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu jiġu trattati bħala ikel, peress li kwalunkwe sustanza li hija maħsuba biex tinbela' oralment hija kkunsidrata li hi ikel u suġġetta għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà tal-ikel (l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità dwar is-Sigurtà tal-Ikel Ewropea u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel).

16 Pussess għall-użu personali mhuwiex reat kriminali taħt il-leġiżlazzjoni tal-mediċini, iżda huwa ta' spiss reat taħt il-liġijiet tal-kontroll tad-drogi. Il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà tal-ikel u tal-ħarsien tal-konsumatur tirrikjedi lill-produtturi jġibu prova tas-sigurtà tal-prodotti tagħhom.

17 Il-mefrodon, li ġie sottomess għall-miżuri ta' kontroll madwar l-UE fit-2 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 322, 20.12.2010, p. 44), ġie kkummerċjalizzat bħala 'ikel veġetali', prodotti oħra li jinbiegħu huma jinbiegħu, pereżempju, bħala 'mluħa tal-banju' jew 'prodotti li jfewħu l-kmamar'.

18 Dawn l-artikoli jittrattaw il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u l-adozzjoni ta' miżuri li jistabbilixxu r-regoli minimi li huma relatati mal-elementi kostitwenti tal-atti kriminali u għal penali fil-qasam tat-traffikar ta' drogi illeċiti. It-Trattat ta' Lisbona joffri sfida lir-raġuni fundamentali legali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill peress li rrevoka l-ex-Artikolu 34(2)(c) TUE, li fuq il-bażi tiegħu setgħet tittieħed id-deċiżjoni li sustanza tiġi sottomessa għal miżuri tal-kontroll. Id-deċiżjoni li l-mefrodon jiġi sottomess għall-miżuri tal-kontroll setgħet tittieħed biss skont il-prinċipju tal-preservazzjoni tat-tielet pilastru tal-*acquis*.

Kunsill; 3) il-Kunsill jitlob Valutazzjoni tar-Riskju mill-EMCDDA; 4) l-EMCDDA jissottometti l-valutazzjoni tar-riskju lill-Kunsill u l-Kummissjoni; 5) il-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva lill-Kunsill dwar il-miżuri ta' kontroll; 6) il-Kunsill jiddeċiedi dwar is-sottomossjoni tas-sustanza għal miżuri ta' kontroll u dwar l-obbligu li jiġu introdotti miżuri legali kriminali. Din il-proċedura ntużat darbtejn biss mill-2005. Fl-2007 il-Kunsill iddeċieda li jissottoometti l-BZP[19] (benzylpiperazine) għall-miżuri ta' kontroll u fl-2010 ssottometta l-mefrodon[20].

L-ambitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa definit b'anoloġija ma' dak tas-sistema dwar il-kontroll tad-drogi kif previst fill-Konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drogi, li din tipprova tirriproduċi fuq il-livell tal-UE[21]. Din tkopri sustanzi li mhumiex skedati taħt dawn il-Konvenzjonijiet u li jistgħu jkunu ta' theddida komparabbli għas-saħħa pubblika. Din ma tkoprix il-perkursuri tad-drogi[22] jew sustanzi li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti mediċinali[23]. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ma għandhiex l-għan li tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar sustanzi psikoattivi ġodda, iżda pjuttost biex tindirizza dawk is-sustanzi li huma, jew jistgħu jkunu, problema madwar l-UE.

4. FUNZJONAMENT TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Fl-2010 ġie rrapportat numru rekord ta' sustanzi ġodda (41), aktar minn terz tas-sustanzi kollha notifikati mill-2005. Din iż-żieda fin-numru ta' notifiki turi mhux biss iż-żieda mgħaġġla fin-numru ta' sustanzi disponibbli fl-UE iżda wkoll kapaċitajiet ta' rapportar imtejba f'ċerti Stati Membri. Ħames pajjiżi kienu involuti f'75% tal-ewwel notifiki kollha li saru, bir-Renju Unit jirrapporta terz tas-sustanzi ġodda, li jirrefletti l-livell għoli ta' rapportar u l-kapaċitajiet ta' identifikazzjoni tar-Renju Unit[24].

Peress li mhux l-Istati Membri kollha jadottaw approċċ proattiv (permezz ta' xiri b'test ikkontrollat minn fuq l-internet u minn ħwienet speċjalizzati), in-numru ta' sustanzi ġodda fis-suq jista' jkun ogħla minn dak irrappurtat.

Sa issa, in-notifiki mill-Istati Membri wasslu għall-pubblikazzjoni ta' tliet Rapporti Konġunti: fuq l-*m*CPP[25] (2006), il-BZP (2007) u l-mefrodon (2010). Ir-Rapporti Konġunti fuq il-BZP u l-mefrodon ġew segwiti mill-valutazzjoni tar-riskju[26].

---

19 1-Benzylpiperazine.

20 4-methylmethcathinone.

21 L-Artikolu 3(b) u (c).

22 Kimiki użati għall-manifattura ta' drogi.

23 L-Artikolu 7(3).

24 Ara l-Anness (taqsima 4).

25 1-(3-chlorophenyl)piperazine.

26 l-*m*CPP ma ġietx ivvalutata peress li s-sustanza hija wżata fil-manifattura ta' prodotti mediċinali. Din lanqas ma setgħet tiġi segwita taħt is-sistema tal-farmakoviġilanza. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ma tipprevedix il-monitoraġġ ta' sustanzi li ma ġewx sottomessi għall-valutazzjoni tar-riskju, iżda rapporti minn sorsi terzi jindikaw li l-*m*CPP baqgħet preżenti fis-suq, bħala tali jew f'pilloli tal-ecstasy. Is-sistema tal-farmakoviġilanza hija l-proċess ta' monitoraġġ tas-sigurtà tal-mediċini u t-teħid ta' azzjoni għat-tnaqqis tar-riskji tagħhom u ż-żieda tal-benefiċċji tagħhom. Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1-32.

Il-valutazzjonijiet tar-riskju fuq il-BZP u l-mefrodon provdew argumenti favur is-sottomissjoni għall-miżuri tal-kontroll. It-tnejn li huma kkonkludew li s-sustanzi kienu ta' theddida għas-saħħa u s-soċjetà iżda rrikonoxxew li kien hemm evidenza xjenfika limitata dwar l-effetti akuti u fit-tul fuq is-saħħa u fatalitajiet, fuq xejriet tal-konsum u fuq il-prevalenza.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula li, fuq bażi tas-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju, il-Kunsill jista' jiddeċiedi dwar is-sottomissjoni ta' sustanza psikoattiva ġdida għal miżuri tal-kontroll u dwar l-obbligu li jiġu introdotti miżuri legali kriminali. In-nuqqas ta' alternattivi (jiġifieri, miżuri minbarra dawk kriminali) jirrifletti l-mekkaniżmu tal-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drogi illeċiti. Fiż-żewġ każi (il-BZP u l-mefedron), meta sustanza tkun ġiet evalwata, il-Kummissjoni proponiet — u l-Kunsill aċċetta[27] — li jissottomettiha għall-miżuri tal-kontroll, u li l-Istati Membri jiġu obbligati jintroduċu sanzjonijiet kriminali[28]. Fil-każ tal-BZP, id-Deċiżjoni tal-Kunsill[29] irrikonoxxiet li l-valutazzjoni tar-riskju ma kellhiex evidenza konklużiva fuq ir-riskji ġenerali tas-sustanza iżda ddikjarat *'skont il-prinċipju ta' prekawzjoni'* li kien neċessarju li jittieħdu l-miżuri minħabba r-riskju tagħha għas-saħħa.

5. RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠ

L-istħarriġ imwettaq fost l-Istati Membri[30] juri li l-mekkaniżmu tal-iskambju ta' informazzjoni huwa għodda utli sabiex jiġbdilhom l-attenzjoni dwar sustanzi ġodda skoperti f'pajjiżi ġirien. Madankollu, numru ta' pajjiżi jiġbdu l-attenzjoni li għandha tiġi provduta informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari informazzjoni tossikoloġika jew forensika. Ħafna mill-Istati Membri jindikaw li sustanzi li mhumiex sottomessi għall-valutazzjoni tar-riskju b'riżultat ta' Rapport Konġunt xorta waħda għandu jsir monitoraġġ attiv fuqhom.

Filwaqt li l-Kumitat Xjentifiku jirrikonoxxi li l-valutazzjonijiet tar-riskju huma bbażati b'mod inerenti fuq għarfien parzjali, meta wieħed iqis l-iskarsezza tal-informazzjoni fuq dawn is-sustanzi ġodda, jindika li riżorsi addizzjonali għandhom jiġu magħmula disponibbli sabiex jiġi appoġġjat il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju, perżempju għat-tmexxija ta' testijiet tossikoloġiċi. Bosta Stati Membri jappoġġjaw din il-fehma.

Numru ta' Stati Membri huma mħassba li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tista' tindirizza biss sustanza psikoattiva waħda wara l-oħra. Dawn qed jargumentaw li dan l-approċċ jipprevjeni reazzjoni komprensiva, peress li hekk kif sustanza tiġi sottomessa għall-miżuri tal-kontroll, tista' tiġi żviluppata waħda ġdida u tiġi kkummerċjalizzata faċilment sabiex tissostitwixxiha. Dan jagħmilha wkoll diffiċili sabiex tittieħed azzjoni fuq drogi li huma komposti minn diversi sustanzi, f'diversi kombinazzjonijiet, kull waħda għandha tiġi studjata individwalment. Din hi r-raġuni għaliex ma ttieħdet l-ebda azzjoni fuq il-livell tal-UE dwar Spice.

Numru ta' Stati Membri ppruvaw jindirizzaw diversi sustanzi fl-istess ħin, billi adottaw approċċ ġeneriku,[31] iżda dan il-metodu mhuwiex iżat mill-Istati Membri kollha. Filwaqt li miżuri tal-kontroll simultanji għal grupp ta' sustanzi kimikament relatati huma mod kif tiġi trattata l-problema li jixraqliha diskussjoni fid-dettall, l-evalwazzjoni ta' sustanzi differenti

---

27 L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri nazzjonali sabiex jimplimentaw, fi żmien sena, deċiżjonijiet tal-Kunsill għal dan l-għan (l-Artikolu 9(1)).

28 COM (2007) 430 finali, 17.7.2007; COM (2010) 583 finali; 2010/0293 (NLE), 20.10.2010.

29 ĠU L 63, 7.3.2008, p.45 — premessa 8.

30 Ara l-Anness (taqsima 7) għal rapport fil-qosor tas-sejbiet tal-istħarriġ.

31 Evalwazzjoni simultanja u/jew kontroll ta' grupp ta' kompożizzjonijiet kimikament relatati.

b'mod simultanju hija diffiċli fil-prattika u xjentifikament hija inqas robusta peress li l-effetti u l-ħsara potenzjali jvarjaw b'mod estensiv bejn sustanzi inklużi fi kwalunkwe grupp ġeneriku. Il-Kumitat Xjentifiku tal-EMCDDA indika li diskussjoni usa' fuq kompożizzjonijiet kimikament simili tista' tiġi inkluża fl-evalwazzjonijiet tar-riskju sabiex tipprovdi perċezzjonijiet aħjar b'rabta ma' sustanzi relatati li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati.

L-istħarriġ wera li numru kbir ta' Stati Membri jqisu n-nuqqas attwali ta' kontroll kriminali bħala mhux adegwat u jiġbdu l-attenzjoni li firxa wiesgħa ta' opzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari l-miżuri ta' kontroll temporanju u ġestjoni tar-riskju.

Fir-rigward taż-żmien għat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-Istati Membri kollha jenfasizzaw li hemm bżonn ta' azzjoni mgħaġġla sabiex jiġu indirizzati sustanzi psikoattivi ġodda. Skont l-istħarriġ, il-maġġoranza tal-Istati Membri jemmnu li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet huwa bil-mod wisq: il-BZP ġiet sottomessa għall-kontroll 15-il xahar wara li tnieda r-Rapport Konġunt, u l-mefrodon 12-il xahar wara.

Sbatax-il Stat Membru jkunu favur proċedura rapida/ta' emerġenza, b'mod partikolari meta sustanza qed tqajjem tħassib konsiderevoli u iktar żmien ikun meħtieġ għat-twettiq ta' aktar riċerka xjentifika. Ċertu Stati Membri diġà qed jużaw dan l-approċċ ta' emerġenza — proċedura aċċellerata sabiex jiġi ristrett il-bejgħ ta' sustanzi ġodda għal perjodu limitat ta' żmien. Stat Membru wieħed issuġġerixxa li kumitat permanenti għandu jitwaqqaf sabiex l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE jkunu jistgħu jiddeċiedu fuq miżuri temporanji. Stat Membru ieħor irrakkomanda l-kawtela fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza, filwaqt li indika r-riskju li l-projbizzjoni tista' ma titneħħiex, anki jekk il-valutazzjoni tar-riskju tonqos milli tipprovdi evidenza ta' ħsara kkawżata minn sustanza.

6. ĦTIEĠA GĦAL APPROĊĊ KOMPRENSIV

Minkejja li t-theddida pubblika minn sustanzi psikoattivi ġodda tista' tidher li hija aktar baxxa minn dik ta' drogi illeċiti tradizzjonali[32], id-dmir li s-saħħa pubblika tiġi protetta ma jħallix lok għall-kompjanċenza. Għahekk, għandha tiġi żviluppata reazzjoni soda u komprensiva fuq il-livell tal-UE għall-ħruġ frekwenti u ż-żieda tal-popolarità ta' dawn is-sustanzi. L-isfida ewlenija hija li dawn huma manifatturati u nnegozjati f'żoni mingħajr regolazzjoni definita, xi mkien bejn il-kontroll tad-droga, is-sigurtà tal-ikel, il-protezzjoni tal-konsumatur, u l-leġiżlazzjoni tal-mediċini u l-kimiki. Awtoritajiet f'ħafna mill-Istati Membri ta' sikwit ma jkunux ċerti liema leġiżlazzjoni tindirizza dawn is-sustanzi bl-aktar mod effettiv.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tista' titqies kemm bħala għodda maħsuba sabiex is-saħħa pubblika tiġi protetta kif ukoll bħala strument tal-ġustizzja kriminali, immirata biex tindirizza s-sustanzi psikoattivi ġodda permezz ta' żieda fl-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fost l-Istati Membri. Madanakollu, din ġiet applikata b'mod estensiv fuq il-ħames snin li għaddew, l-aktar bħala għodda għas-saħħa pubblika, li tippermetti lill-awtoritajiet jiskambjaw informazzjoni dwar sustanzi ġodda u sabiex jinftiehmu u jiġu antiċipati xejriet f'dan is-suq li qed jinbidel b'pass imgħaġġel. Din intużat bħala strument tal-ġustizzja kriminali darbtejn

---

32 Ir-rapporti tal-valutazzjoni tar-riskju dwar il-BZP u l-mefrodon identifikaw żewġ imwiet li fihom dawn is-sustanzi dehru li huma l-unika kawża tal-mewt, minkejja li fil-frattemp iktar każi ġew ikkonfermati. L-EMCDDA tistma li 7,500 sa 8,000 individwu jmutu kull sena fl-UE bħala riżultat ta' doża żejda ta' droga li fiha l-loppju u l-kokaina. 10458/07, CORDROGUE 35, 5.6.2007; 12658/10, CORDROGUE 67, 29.7.2010. Ir-Rapport Annwali tal-2010 tal-EMCDDA dwar l-Istat tal-Problema tad-Droga fl-Ewropa, p.16.

biss: sabiex żewġ sustanzi jiġu sottomessi għall-miżuri tal-kontroll u sussegwentement għal sanzjonijiet kriminali.

Bosta sustanzi li ġew notifikati mill-Istati Membri ma kinux ta' tħassib għall-UE kollha u għaldaqstant ġew indirizzati fuq livell nazzjonali. Ċertu prodotti, pereżempju Spice, qajmu tħassib f'diversi Stati Membri tal-UE, iżda ma ġewx indirizzati fuq il-livell tal-UE minħabba l-ambitu limitat għal azzjoni taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill sabiex tindirizza dawn it-taħlitiet ta' sustanzi. Diversi sustanzi oħra li qajmu tħassib għas-saħħa pubblika probabilment setgħu ġew indirizzati fil-livell tal-UE li kieku d-Deċiżjoni tal-Kunsill offriet opzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju 'iktar ħfief', minbarra l-miżuri tal-kontroll kriminali.

Filwaqt li jitqiesu l-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-droga, l-ambitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill attwali jillimita l-opzjonijiet sabiex dawn is-sustanzi jiġu indirizzati, b'hekk jitnaqqas in-numru ta' sustanzi li effettivament jistgħu jiġu indirizzati fuq il-livell tal-UE. Minkejja li jidher li hemm kunsens fost l-Istati Membri li l-liġi kriminali għandha tkun parti mir-reazzjoni għal sustanzi psikoattivi ġodda fil-livell tal-UE, bosta jidhru li jaqblu li din mhijiex dejjem opzjoni sostenibbli sabiex jiġi indirizzat it-tifrix ta' sustanzi psikoattivi ġodda u fi kwalunkwe każ m'għandhiex tkun l-unika opzjoni. L-Istati Membri jaqblu li l-għan aħħari tal-kontroll hu li ċ-ċittadini jiġu protetti minn riskji mhux magħrufa marbuta ma' dawn is-sustanzi.

Il-fażijiet tal-iskambju ta' informazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju ppermettaw lill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni u pprovdewlhom segwitu rilevanti u fil-ħin ta' xejriet u żviluppi f'dan is-suq li qed jevolvi b'mod mgħaġġel. Il-valutazzjoni tar-riskju tipprovdi ġabra indispensabbli ta' riċerka mifruxa madwar l-UE kollha, iżda għandha tittejjeb sabiex id-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq evidenza. Skont l-Istħarriġ, sabiex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet inerenti tal-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda li fuqhom hemm ftit informazzjoni, għandhom jiġu magħmula disponibbli riżorsi, b'mod partikolari għall-appoġġ ta' analiżi tossikoloġiċi u forensiċi u kif ukoll studji farmakoloġiċi.

Dwar il-kwistjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet, l-Istħarriġ jagħmilha ċara li reazzjoni rapida tal-UE hija kruċjali. Skont uħud mill-Istati Membri azzjoni aktar mgħaġġla tista' tittieħed bl-użu ta' strumenti li jaħdmu tajjeb fl-oqsma tas-sigurtà tal-ikel u tal-prodotti u ta' kimiki perikolużi. F'xi wħud mill-każi dawn jistgħu jkunu passi intermedji, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar miżuri tal-kontroll kriminali. Dawn is-sistemi għandhom mekkaniżmu ta' notifika u skambju ta' informazzjoni, kif ukoll proċeduri ta' emerġenza f'każ ta' theddidiet għas-saħħa imminenti (inklużi projbizzjonijiet temporanji). Dawn għandhom ukoll sistemi ta' klassifikazzjoni li jippermettu lill-awtoritajiet jaġixxu b'mod proporzjonali għar-riskju tal-prodott evalwat. Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jagħtu lill-Istati Membri iktar flessibilità meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-aktar mod xieraq kif jiġu indirizzati sustanzi speċifiċi filwaqt li jippermettulhom jaġixxu aktar malajr.

7. KONKLUŻJONIJIET — IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar sustanzi psikoattivi ġodda hija ċertament strument utli għall-indirizzar ta' sustanzi ġodda fil-livell tal-UE, b'mod partikolari peress li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati membri (sistema ta' twissija bikrija). Madankollu, minn din il-valutazzjoni jidher li għandha tliet nuqqasijiet kbar meta tiġi biex tissottometti dawn is-sustanzi għall-miżuri tal-kontroll madwar l-Ewropa kollha:

- Ma tistax tindirizza ż-żieda kbira fin-numru ta' sustanzi psikoattivi ġodda fis-suq, peress li tindirizza sustanzi waħda wara l-oħra, permezz ta' proċess fit-tul.

- Hija reattiva, peress li sustanzi sottomessi għall-miżuri tal-kontroll jiġu sostitwiti malajr b'oħrajn ġodda b'effetti simili, ta' spiss b'modifiki żgħar tal-kompożizzjoni kimika tagħhom.

- M'għandhiex opzjonijiet għall-miżuri tal-kontroll.

Għalhekk, suġġett għal Valutazzjoni tal-Impatt ulterjuri, il-Kummissjoni ser teżamina l-ħtieġa għal strument legali aktar effettiv. Hija ser teżamina kif il-ħtieġa għal reazzjoni rapida tiġi rikonċiljata mal-valutazzjoni tar-riskju msaħħa tas-sustanzi. Ser tevalwa l-miżuri sabiex testendi l-appoġġ għall-ġbir ta' informazzjoni tossikoloġika u forensika.

Il-Kummissjoni tara l-ħtieġa għal reazzjoni komprensiva fil-livell tal-UE, tagħlaq il-qsim bejn il-leġiżlazzjoni tal-kontroll tad-droga u tipi oħra ta' leġiżlazzjoni, inkluża s-sigurtà tal-ikel jew tal-prodotti. Minbarra miżuri tal-kontroll tal-ġustizzja kriminali, opzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju alternattivi jeħtieġ li jiġu evalwati bl-għan li tiġi provduta reazzjoni iktar mgħaġġla, fil-livell tal-UE, għall-ħruġ ta' sustanzi li jqajmu tħassib.

Sabiex jiżdied il-ftehim tas-suq li qed jevolvi b'rata mgħaġġla għas-sustanzi psikoattivi ġodda, il-Kummissjoni ser teżamina modi ta' monitoraġġ ta' sustanzi li mhumiex sottomessi għall-valutazzjoni tar-riskju iżda li jikkawżaw tħassib[33] kif ukoll ta' dawk soġġetti għall-miżuri tal-kontroll.

Kwalunkwe proposti leġiżlattivi fuq sustanzi psikoattivi ġodda għandhom ikunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa u komprensiva u dibattitu. Għalhekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qed jiġu mistiedna sabiex jieħdu sehem fid-dibattitu dwar kif il-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam tista' ssir iktar effettiva. Fil-ħarifa, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tippreżenta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-objettivi ewlenin u l-opzjonijiet għar-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

Peress li leġiżlazzjoni waħedha ma tipprovdix is-soluzzjoni kompluta għall-isfida kumplessa preżentata mis-sustanzi psikoattivi ġodda, il-Kummissjoni qed tistieden lill-Istati Membri sabiex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-effiċjenza tal-programmi ta' informazzjoni lill-pubbliku u prevenzjoni tal-konsum tad-droga[34], li għandhom iqisu ż-żieda tal-popolarità ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

---

33 Eż. *m*CPP u SPICE.

34 L-iżvilupp ta' approċċi integrati u innovattivi sabiex jiġu identifikati, immonitorjati u jirreaġixxu għax-xejriet fil-konsum ta' sustanzi psikoattivi ġodda huwa prijorità taħt il-Programm ta' Prevenzjoni u Informazzjoni dwar Droga tal-Kummissjoni. Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku 'Prevenzjoni tal-konsum tad-droga u informazzjoni lill-pubbliku' bħala parti mill-Programm Ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja'; ĠU L 257, 03.10.2007, p. 23.